# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 29 ta' Marzu, 2022.**

**Numru 11**

**Rikors maħluf numru 750/2015/1 FDP**

**Emanuel Fenech**
***v.***
**Emanuel Calleja flimkien ma' martu Mary Calleja għal kull interess li jista' jkollha**

1. Dan huwa appell tal-konvenuti konjuġi Calleja minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-18 ta' Jannar 2022 illi ikkundannahom jittrasferixxu lura lill-attur "kwantità ta' riferenza" ta' ħalib kif ukoll iħallsuh sitt elef, tliet mija u tlieta u sebgħin euro u dsatax-il ċenteżmu (€6,373.19) bħala konsiderazzjoni sakemm dik il-kwantità, li hija proprjetà tal-attur, kienet fuq isem il-konvenut biex jinqeda biha l-konvenut. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. L-attur għandu dik li tissejjaħ "kwantità ta' riferenza ta' ħalib". Igħid illi minn din il-kwantità kien "kera" mitt gallun (100 g) – erbgħa u sittin punt deċimali tlieta gallun (64.3 g) kwota tiegħu personali u l-bqija kwota addizzjonali, li tkun daqs ħamsa u ħamsin fil-mija (55%) tal-kwota personali, li tingħata mill-Koperattiva tal-Produtturi tal-Ħalib ["KPĦ"] – lill-konvenut għall-ħlas ta' ħmistax-il ċenteżmu (15c) tal-munita l-qadima – illum erbgħa u tletin punt deċimali disgħa euroċenteżmu (€0.349) – kuljum għal kull gallun. Wara xi żmien, fuq struzzjonijiet tal-attur, il-konvenut kien ittrasferixxa erbgħin gallun (40 g) lil terzi u fadallu sittin gallun (60 g).

3. L-attur jgħid illi l-konvenut waqa' lura fil-ħlas u għalhekk sejjaħlu biex iħallas u wkoll biex jittrasferixxi lil Cleaven Fenech, iben l-attur, il-kwantità li fadallu. Il-konvenut iżda baqa' ma għamel xejn minn dan għax igħid illi, wara xi żmien, kien xtara dak li kien fadal mill-kwota personali tal-attur u ta' dan ħallas lill-attur. L-attur imbagħad fetaħ din il-kawża u talab illi l-qorti:

»(i) … … … tiddikjara li … … … l-intimati huma obbligati li jittrasferixxu l-kwantità ta' riferenza ta' 38.7 gallun ħalib (u *cioè* 60 gallun KPH) li l-intimat Emanuel Calleja għandu miktuba fuq ismu mad-Direttorat tal-Agrikoltura (parti mill-kwantità ta' riferenza tal-ħalib li kienet ġiet trasferita fuq ismu mir-rikorrent) lill-istess rikorrent;

»(ii) tordna u tikkundanna lill-intimati sabiex jersqu u jaddivjenu ħalli jiffirmaw dawk id-dokumenti kollha meħtieġa u neċessarji sabiex l-imsemmija kwantità ta' riferenza ta' 38.7 gallun ħalib (u *cioè* 60 gallun KPH) li għandu miktuba fuq ismu l-intimat Emanuel Calleja mad-Direttorat tal-Agrikoltura tiġi trasferita fuq isem ir-rikorrent[1];

»(iii) tinnomina kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-eventwali kontumaċi u tiffissa l-lok, data u ħin meta u fejn għandhom jiġu ffirmati dawk id-dokumenti meħtieġa u neċessarji sabiex isir tali trasferiment tal-kwantità ta' riferenza tal-ħalib minn fuq isem l-intimat Emanuel Calleja għal fuq isem ir-rikorrent;

---

[1] Fl-istqarrija tal-fatti l-atturi igħidu illi riedu li l-kwota tinqaleb mhux fuq l-attur imma fuq binhom Cleaven Fenech.

»(iv) … … … tiddikjara illi l-intimat Emanuel Calleja huwa moruż fil-ħlasijiet ossija konsiderazzjoni minnu dovuta lir-rikorrent għall-kwantità ta' riferenza tal-ħalib bir-rata pattwita bejn il-partijiet ta' €0.349 kuljum għal kull gallun ħalib KPH;

»(v) tillikwida l-ammont dovut mill-intimat Emanuel Calleja lir-rikorrent għar-raġuni fuq imfissra; u

»(vi) tikkundanna lill-intimat Emanuel Calleja biex iħallas lir-rikorrent l-ammont dovut kif likwidat.

» Bl-ispejjeż … … …«

4. Il-konvenuti wieġbu hekk:

»(i) Fl-ewwel lok it-talbiet, inklużi dawk anċillari għall-ewwel talba, huma infondati fil-fatt u fid-dritt peress li ma hemmx raġuni għala l-konvenuti jittrasferixxu lura fuq isem l-attur il-parti tal-kwota msemmija fir-rikors ġuramentat, *stante* li din ġiet trasferita lilhom u għalhekk it-titlu tal-proprjetà tal-istess parti-kwota hija tagħhom, u dan skont trasferiment magħmul regolarment skont il-proċeduri viġenti f'dak iż-żmien.

»(ii) Fit-tieni lok, l-attur żamm fuqu reġistrazzjoni mhux tat-titlu imma tal-*entitlement* tas-sussidju li huwa obbligat jgħaddi lill-konvenuti, peress li dan kien tagħhom skont ir-regoli tal-Unjoni Ewropea li toħroġ is-sussidji, u qed issir riserva minn issa li jitolbu huma dan il-ħlas mgħoddi lill-attur indebitament.«

5. L-ewwel qorti iddeċidiet hekk:

»tordna lill-intimati Emanuel u Mary konjuġi Calleja sabiex, sa żmien tliet xhur millum, jersqu u jaddivjenu ħalli jiffirmaw dawk id-dokumenti kollha meħtieġa u neċessarji sabiex l-imsemmija kwantità ta' riferenza ta' 38.7 gallun ħalib (u *cioè* 60 gallun KPH) li għandu miktuba fuq isem l-intimat Emanuel Calleja mad-Direttorat tal-Agrikoltura tiġi trasferita fuq isem ir-rikorrent Emanuel Fenech;

»tinnomina lil Dr Tanya Sammut bħala kuratur deputat sabiex jirrappreżentaw [*recte*, tirrappreżenta] lill-eventwali kontumaċi;

»tiddikjara illi l-intimati Emanuel u Mary konjuġi Calleja huma morużi fil-ħlasijiet fl-import totali ta' ossija konsiderazzjoni minnu dovuta lir-rikorrent għall-kwantità ta' riferenza tal-ħalib bir-rata pattwita bejn il-partijiet ta' €0.349 kuljum għal kull gallun ħalib KPH;

»tillikwida l-ammont dovut mill-intimati Emanuel u Mary konjuġi Calleja lir-rikorrent Emanuel Fenech fl-ammont ta' sitt elef, tlett mija u sebgħa u tletin Euro u dsatax-il ċenteżmu (€6,373.19) għar-raġunijiet fuq imfissra; u

»tikkundanna lill-intimati Emanuel u Mary konjuġi Calleja biex iħallsu lir-rikorrent lammont ta' sitt elef, tlett mija u sebgħa u tletin Euro u dsatax-il ċenteżmu (€6,373.19), kif fuq likwidat;

»bl-ispejjeż u bl-imgħax legali kif mitluba kontra l-intimati *in solidum* bejniethom.«

6. Ir-raġunijiet li wasslu lill-ewwel qorti għal din id-deċiżjoni ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata.

> »Jirriżulta, mill-provi prodotti quddiem dina l-qorti, illi ż-żewġ partijiet huma raħħala tal-baqar. Jirriżulta illi r-rikorrent, bħala raħħal tal-baqar, kellu kwota personali ta' ħalib illi huwa seta' jgħaddi jipproduċi, liema kwota kienet ekwivalenti għal 198.6 gallun ħalib. Jirriżulta wkoll illi r-rikorrent, bħala membru tal-Ko-Operattiva tal-Produtturi tal-Ħalib, kellu wkoll dritt għal kwota addizzjonali li kienet tingħata mill-Ko-Operattiva stess, u li kienet tammonta għal ħamsa u ħamsin fil-mija (55%) talkwota personali.
>
> »Jirriżulta illi r-rikorrent kien membru tal-Ko-Operattiva tal-Produtturi tal-Ħalib bejn l-1 ta' Marzu 1987 sal-1 ta' Lulju 2011, kif ikkonferma fix-xiehda tiegħu Emanuel Schembri, kontrollur finanzjarju tal-istess ko-operattiva, fejn mal-ko-operattiva kellu reġistrat li seta' jipproduċi disa' mija u tletin punt ħames kilo (930.5) ħalib kuljum. Jirriżulta, di fatti, illi, kif xehed Frank Ivan Caruana Catania, assistent direttur fi ħdan id-Dipartiment tal-Agrikultura, qabel ma' Malta daħlet fl-Unjoni Ewropea kull raħħal kellu kwota dipartimentali ta' ħalib li seta' jipproduċi kuljum, liema kwota kienet assikurata lir-raħħal, irrispettivament minn jekk kinetx qiegħda tintuża jew le.
>
> »Jirriżulta li, mad-dħul ta' Malta fl-Unjoni Ewropea, bl-applikazzjoni tar-Regolament 1234/2007, kull raħħal ingħata kwota li kienet tirrifletti dik illi huwa kellu preċedentement, b'dan illi, a differenza ta' dak li kien jiġri qabel, tali kwota ma kinetx assikurata u kellha tintuża mir-raħħal, bir-riżultat illi, jekk raħħal ma jużax il-kwota lilu assenjata, huwa kien jitlef tali kwota. F'Malta, l-effetti ta' tali Regolament kienu ser jibdew japplikaw mill-1 ta' Lulju 2011.
>
> »Jirriżulta illi, għalhekk, ir-rikorrent, bħal raħħala oħra illi ma kinux qed jużaw il-kwota tagħhom ta' ħalib dak iż-żmien, bi ftehim mad-Dipartiment tal-Agrikoltura li kienu avviċinaw lill-varji raħħala sabiex iħajjruhom jibdew jagħmlu użu talkwota tagħhom, għax inkella tintilef, kien ipproċeda biex għadda partijiet tal-kwota tiegħu b'kera lil raħħala oħra.
>
> »Jirriżulta, di fatti, skond ix-xiehda ta' Emanuel Schembri u Patrick Vella, illi huwa l-*accounts officer* fi ħdan il-*Malta Dairy Products Limited*, ir-rikorrent għadda is-segwenti: … … … tliet mija u wieħed kilo (301 Kg) ekwivalenti għal erbgħa u sittin punt tlieta galluni (64.3) lill-intimat Emanuel Calleja.
>
> »Jirriżulta illi, għal dan il-għan, ġie iffirmat dokument maħruġ mir-Direttorat tal-Agrikoltura, sezzjoni tat-trobbija tal-annimali, intitolat "Applikazzjoni għal trasferiment permanenti ta' Kwantità ta' Referenza tal-Ħalib 2011-2012" … … …
>
> »Jirriżulta wkoll illi, b'effett mill-1 ta' Frar 2013, skond struzzjoni mogħtija mir-rikorrent bil-miktub, parti mill-kwota mgħoddija lill-intimat Emanuel Calleja, ossija erbgħin (40) gallun li jinkludi l-ħamsa u għoxrin punt sitt (25.6) glalen personali u l-erbatax punt erbgħa glalen (14.4) miżjuda mill-ko-operattiva kif fuq ġia spjegat, ġew trasferiti f'porzjonijiet indaqs lil Charles Galea … … … u missieru Carmelo Galea. Jirriżulta, għalhekk, illi l-intimat Emanuel Calleja kien għad fadallu l-kwota ammontati għal sittin (60) gallun f'ismu, li jinkludu

tmienja u tletin punt sebgħa (38.7) glalen tal-kwota personali tar-rikorrent u wieħed u għoxrin punt tlett glalen (21.3) mill-kwota pprovduta mill-ko-operattiva.

»Jirriżulta, mix-xiehda tar-raħħala Charles Galea, Luciano Casha, Frank Fenech kif ukoll Patrick Vella, uffiċjal tal-*Malta Dairy Products*, il-ftehim milħuq bejn ir-raħħala u r-rikorrent in konnessjoni ma' din il-kwota kienet waħda [*recte*, il-ftehim … kien wieħed] verbali u mhux bil-miktub u, fi kliem Frank Fenech stess "meta hu, jiġifieri Emanuel Fenech, ikun irid jieħu lura l-kwota illi krieli għal fuq ismi, jiena obbligat li niffirma biex terġa' ddur fuq ismu".

»Jirriżulta wkoll, mix-xiehda ta' dawn it-tliet raħħala, illi l-kwota ħaduha mingħand ir-rikorrenti b'kera u mhux b'xiri.

»Jirriżulta illi l-intimati Emanuel Calleja u martu Mary Calleja, kif ukoll it-tifel tagħhom Jason Calleja, lkoll ikkonfermaw illi l-ftehim mar-rikorrent kien wieħed ta' kiri. Jirriżulta, iżda illi l-intimati konjuġi Calleja saħqu illi l-kirja, għalkemm f'isem Emanuel Calleja, kienet saret minn Jason Calleja u kienet għal Jason Calleja li, dak iż-żmien, kien għaddej minn proċeduri ta' separazzjoni u ma riedx illi l-kwota tidher fuq ismu, fatt ikkonfermat minn Jason Calleja wkoll.

»Jirriżulta, madanakollu, illi l-intimati jikkontendu illi fi Frar 2013, meta huma kienu qalbu parti mill-kwota li kellhom għal fuq Carmelo Galea, kif rikjest mir-rikorrent u kif jidher reġistrat ukoll mad-Direttorat tal-Agrikoltura, ir-rikorrent qalilhom li ried ibigħ il-kumplament tas-sehem tiegħu u waslu fi ftehim fejn kien ser iħallsuh elf u ħames mitt Euro (€1,500) għal kull gallun tal-kwota personali tar-rikorrent, ossija tmienja u tletin punt sebgħa (38.7) illi kienu għadhom reġistrati fuqhom. L-intimati lkoll saħqu illi r-rikorrent ma ried li ssir ebda skrittura u ma jidher ebda pagament, u għalhekk, huma għaddewlu l-valur ta' ftit anqas minn 40 gallun ħalib bir-rata ta' elf u ħames mija kull gallun (€1,500), ossija sittin elf Euro (€60,000) fi flus kontanti, mingħajr ma ġiet ipprovduta ebda ricċvuta u ma saret ebda skrittura bejniethom.

»Jirriżulta illi r-rikorrent, kemm fix-xiehda tiegħu, kif ukoll in kontro-eżami fiż-żewġ darbiet illi ttella' sabiex jirrispondi għad-domandi in kontro-eżami, ċaħad illi qatt kien hemm trasferiment tal-bilanċ tal-glalen ta' ħalib illi kienu tiegħu iżda f'isem l-intimat Calleja, u insista li meta kien ried idawwar il-kumplament tas-sehem li kien għand l-intimat għal fuq Charles Galea, kif kkonfermat minn Charles Galea stess fl-*affidavit* tiegħu, l-intimati kienu qalu li riedu jżommu tali kwota għat-tifel tagħhom Jason, iżda xorta ma ħallsuh ebda kera dovuta.

»Jirriżulta, mill-assjem tal-provi prodotti, illi fil-każ odjern qegħdin nitħaddtu dwar kwota ta' sittin (60) gallun, li jinkludu tmienja u tletin punt sebgħa (38.7) glalen tal-kwota personali tar-rikorrent u wieħed u għoxrin punt tliet glalen (21.3) mill-kwota pprovduta mill-ko-operattiva. Jirriżulta illi, filwaqt li l-intimati jikkontendu illi oriġinalment dawna kienu lilhom mikrija mingħand ir-rikorrent, sussegwentement dawna nxtraw mingħand lintimati għal valur ta' elf u ħames mitt Euro (€1,500) għal kull gallun personali tar-rikorrent, b'valur totali ta' madwar €60,000.

»Jirriżulta illi, da parte tiegħu, r-rikorrent jiċħad li qatt irċieva €60,000 fi flus kontanti mingħand l-intimat u jiċħad illi qatt bigħ is-sehem tiegħu.

»Il-qorti, rinfaċċjata b'żewġ verżjonijiet ta' fatti diametrikament opposti, tistqarr illi ma tistax ma tikkunsidrax il-verżjoni tal-fatti kif imressqa mill-

intimati bħala kemmxejn inverosimili, jekk mhux platealment inveritjera totalment, peress illi ebda persuna ta' pozjent ta' intelliġenza bażika ma hija ser tħallas somma ta' sittin elf Euro fi flus kontanti mingħajr ma tinsisti illi tingħatalha xi tip ta' riċevuta ta' tali ħlas. Il-qorti tosserva wkoll illi, apparti minn hekk, l-intimati ma ressqu ebda indikazzjoni ta' kwalsiasi tip minn fejn setgħu ottjenew tali ammont ta' flus konsiderevoli fi flus kontanti, liema flejjes ċertament, kieku verament fil-pussess ta' l-intimati, kien ikollhom xi tip ta' dokumentazzjoni li turi l-eżistenza tagħhom.

»Fin-nuqqas ta' tali provi, il-qorti tqis illi l-verżjoni tal-fatti kif esposti mill-intimati ma hijiex waħda kredibbli u l-verżjoni tal-fatti kif magħmula mir-rikorrent huma dawk illi ser ikollha tistrieġ fuqha.

»Jirriżulta illi, fost it-talbiet kif redatti mir-rikorrent fir-rikors promotur, huwa qiegħed ukoll jitlob il-ħlas tal-konsiderazzjoni dovuta mill-intimati għall-kwantità ta' ħalib tar-rikorrent u mikrija u reġistrata f'isem l-intimat, u dana bir-rata ta' €0.349 kuljum għal kull gallun.

»Jirriżulta, madanakollu, illi mid-dokumentazzjoni u provi prodotti mir-rikorrent kull ma hemm indikat huwa l-produzzjoni u total dovut mill-intimat għax-xhur ta' bejn Jannar 2015 u Ottubru 2015, u ma ġiet prodotta ebda indikazzjoni ta' jekk sarx aktar prodott mgħoddi lill-*Malta Dairy Products Limited* wara Ottubru 2015 u għalhekk jekk ġietx utilizzata tali kwota mill-intimat. Jirriżulta, għalhekk, illi fejn tidħol il-likwidazzjoni tal-kera dovuta mill-intimat lir-rikorrent, il-qorti tista' tistrieħ biss fuq id-dokumentazzjoni eżebita mir-rikorrent, liema dokumentazzjoni turi illi bejn Jannar 2015 u Ottubru 2015, il-kera dovuta u mhux imħallsa kienet ammontanti għal sitt elef, tliet mija u sebgħa u tletin Euro u dsatax-il ċenteżmu (€6,373.19).

»Għalhekk, il-qorti ser tgħaddi biex tqis dana l-ammont bħala dovut mill-intimat lir-rikorrent sa Ottubru 2015.«

7. Il-konvenuti appellaw b'rikors tas-16 ta' Frar 2022 li għalih l-attur wieġeb fis-7 ta' Marzu 2022.

8. Il-kwistjoni essenzjalment hija jekk sarx il-bejgħ tal-kwota personali tal-attur lill-konvenut u jekk dan ħallasx lill-attur il-prezz ta' bejgħ, jew, fil-każ li ma jirriżultax li sar il-bejgħ, jekk kellux iħallas u ħallasx il-"kera".

9. Ma huwiex kontestat li meta, fil-bidu, l-attur ittrasferixxa mitt gallun (100 g) fuq isem il-konvenut[2] dan kien b'"kiri", u bil-patt li, meta l-attur ikun irid il-kwota lura, il-konvenut iroddhielu, għalkemm fid-dokument tat-trasferi-

[2] Il-konvenuti jgħidu illi l-konvenut Emanuel Calleja kien jidher biss bħala *prestanome* għal binhom Jason, iżda din *se mai* hija kwistjoni ta' bejniethom u ma għandha ebda relevanza għal din il-kawża.

ment[3] jingħad li dan kien "trasferiment permanenti". Il-konvenut iżda qiegħed igħid illi, wara li fuq struzzjonijiet tal-attur hu ittrasferixxa erbgħin gallun (40 g) lil terzi, xtara dak li kien fadal mill-kwota personali tal-attur – tmienja u tletin punt deċimali seba' gallun (38.7 g) – bil-prezz ta' elf u ħames mitt euro (€1,500) kull gallun u b'kollox ħallas lill-attur (€60,000)[4]. Igħid ukoll illi l-ħlas sar bi flus kontanti iżda ma ngħatax riċevuta.

10. Fl-ewwel aggravju tagħhom il-konvenuti jgħidu illi l-ewwel qori għamlet "spekulazzjoni dwar provi, aktar milli apprezzament". L-aggravju ġie mfisser hekk:

> »Il-kwistjoni prinċipali kienet illi l-esponenti għall-bidu kellhom kirja mingħand Emanuel Fenech imma mbagħad effettivament xtrawha. Dan il-fatt ġie ppruvat bil-ġurament ta' Emanuel Calleja, Jason Calleja u Mary Calleja. Dak iż-żmien Emanuel Calleja kien diġà qiegħed jirtira mix-xogħol u kollox kien qiegħed imexxi t-tifel Jason Calleja kif qiegħed effettivament illum. Peress illi Jason Calleja kellu problemi ta' separazzjoni minn mal-mara bilfors kellu jinqeda b'missieru biex kollox jibqa' reġistrat fuqu għax inkella kienu jitħarbtu kompletament. Kemm hu personalment u kemm ommu u missieru.
>
> »Sfortunatament, meta Emanuel Calleja beda jixhed … … … dan waqt li kien qiegħed jgħid li għamel in-negozju għax ismu deher, fil-fatt qal li kien it-tifel li għamel dan in-negozju fil-preżenza tiegħu … … … il-qorti ordnat li jittieħdu passi għall-ġurament falz kontra Emanuel Calleja.
>
> »Il-kas ġie mbagħad quddiem il-qorti kif preseduta fejn kien hemm diġà ċertu xhieda u nstemgħu xhieda oħrajn, fosthom ta' Jason Calleja li lil Emanuel Fenech irredargwih u kkontestah f'wiċċu.
>
> »Ir-raġunament tal-qorti dwar lil min temmen huwa pjuttost fallaċi. Huwa aktar raġunarnent illi japplika għall-*FIAU* dwar *money laundering*.
>
> »Il-qorti qalet fost affarijiet oħra illi l-intimati ma ressqu ebda indikazzjoni ta' kwalunkwe tip minn fejn setgħu jġibu l-ammont jew setgħu ottjenew tali ammont konsiderevoli fi flus kontanti, liema flejjes ċertament, kieku verament fil-pussess tal-intimati, kien ikollhom xi tip ta' dokumentazzjoni li turi l-eżistenza tagħhom.
>
> »Hawnhekk wieħed ma kellux quddiemu rġiel bil-għonq abjad u l-ingravata tad-ditta, imma raħħal li għalihom li wieħed jaħli ż-żmien imur il-bank, huwa biss ħela ta' żmien. Ma jfissirx li ma jkollhomx flus

[3] *Fol.* 64

[4] 38.7 gallun @ €1,500/gallun jiġu €58,050.

> kontanti. Quddiem il-Qorti tal-Appell, meta qed jinkiteb dan ir-rikors, hemm kawża 171/2014 Rosario Spiteri *v.* Kummissarju tal-Pulizija fejn anzjan li ma kellu l-ebda negozju kien qed izomm €24,000 d-dar, il-pulizija ssekwestrawhom, u tawh minnhom €22,000. Però kollox *cash* kien fid-dar tiegħu. Nies bhal dawn jinnegozjaw bil-*cash* u mhux bl-*internet banking*, jew bil-*cashlink*, jew bil-*credit card* eċċ eċċ eċċ. Jixtru u jbigħu. Fuq kollox, l-aktar importanti l-kelma tal-irġulija. Ħafna minnhom ma jkunux jafu jiktbu u allura li tippretendi skritturi (bil-formalitajiet tal-artiku 1233 tat-Kap. 16) tkun qed tippretendi ż-żejjed.
>
> »Fl-istess sentenza jingħad li kollox sar bil-fomm u bla ebda kitba. Allura kif wiehed jistenna kitba mingħand parti minnhom, anke riċevuta?
>
> »Issa hemm prova kuntrarja fl-istess sentenza, għal dak li rriteniet il-qorti. Iddeċidiet li bejn Jannar 2015 sa Ottubru 2015, il-"kirja" kienet tammonta għal aktar minn €6,000. Il-loġika tgħidlek li bilfors wieħed ikollu qligħ bil-wisq iżjed minn €6,000 f'10 xhur, għax kieku jżarma.
>
> »Kif jidher mill-karta tal-identità tiegħu, Emanuel Calleja kien qabeż is-70 sena, dejjem fix-xogħol, u wieħed jippretendi li sold ma faddalx? Ir-raħħala mhux nies ta' kapriċċi. Ir-raħħala għandhom xogħol "*24 hours a day, 7 days a week*". L-avukat sottoskritt jitkellem b'ċerta esperjenza fuq hekk għax nannuh matern kien raħħal. U min irabbi qisu qed irabbi tfal. Bil-problemi kollha, inkluż mard, jew twelid matul il-lejl.
>
> »Issa naraw, min-naħa l-oħra. Emanuel Fenech minn fejn gab dawk il-flus kollha, meta fl-ewwel sentenza tar-rikors jingħad li hu "raħħal" u fil-korp tas-sentenza jissemmew kemm għamel negozju bil-kwota li kellu, ma' Galea u ma' Spagnol, u mal-appellanti. Mela huwa leġittimu li wieħed jistaqsi: minn fejn ġab dan il-patrimonju kollu? L-Ingliżi jgħidu "*What is sauce for the goose* … … …".
>
> »Ma jistax jingħad li l-ewwel qorti kellha l-opportunità li tisma' hi *viva voce* lill-partijiet. Emanuel Fenech xehed quddiem imħallef ieħor. U sarlu biss kontro-eżami quddiem il-qorti li ddeċidiet.«

11. F'sitwazzjonijiet bħal din – fejn l-allegazzjoni hija illi sar ħlas – l-oneru tal-prova qiegħed fuq min jallega li ħallas. Barra minn hekk, fuq il-konvenuti hemm ukoll l-oneru illi juru mhux biss illi l-ħlas sar iżda wkoll illi sar bħala prezz tal-bejgħ u mhux għal xi raġuni oħra.

12. Il-provi relativi għall-ħlas huma biss ix-xiehda tal-partijiet: il-konvenuti jgħidu illi l-ħlas sar u l-attur jiċħad. F'ċirkostanzi fejn ma jkun hemm ebda indikazzjoni oġġettiva li tista' twasslek biex temmen parti aktar milli oħra, l-eżitu jiddependi fuq l-oneru tal-prova, u għalhekk imur kontra l-kon-venuti. L-ewwel qorti iżda ma waqfitx hawn, għax osservat illi hemm ukoll

ċirkostanzi oġġettivi illi jirrendu l-verżjoni tal-konvenuti waħda "kemmxejn inverosimili, jekk mhux platealment inveritjiera totalment". Kompliet fissret illi r-raġuni għala ma tistax temmen lill-konvenuti hija illi "ebda persuna ta' pozjent [kwozjent (?)] ta' intelliġenza bażika ma hija ser tħallas somma ta' sittin elf euro fi flus kontanti mingħajr ma tinsisti illi tingħatalha xi tip ta' riċevuta ta' tali ħlas".

13. Il-konvenuti jgħidu illi kien l-attur li ried li ma jsir xejn bil-miktub. Il-konvenuti iżda ma setgħux ma kinux jafu illi biex isir trasferiment tal-kwota li tkun magħrufa mid-Direttorat tal-Agrikoltura u mill-KPĦ kellha ssir kitba, bħalma ġara meta "krew" il-kwota fil-bidu. Għalhekk ma jagħmilx sens li ħallsu biex xtraw il-kwota bla ma jkollohom xejn x'juri.

14. Fir-rikors tal-appell il-konvenuti jgħidu illi "nies bħal dawn [*i.e.*bħalhom] jinnegozjaw bil-*cash*" u li, għax l-attur qabeż is-sebgħin sena, ma jistax "wieħed jippretendi li sold ma faddalx".

15. Il-konvenuti appellanti jixlu lill-ewwel qorti illi dak li għamlet kien "spekulazzjoni" aktar milli "apprezzament" ta' provi, iżda dak li bih jixlu lill-ewwel qorti qegħdin effettivament jagħmlu huma stess, għax jippretendu illi l-possibilità li bniedem ta' sebgħin sena faddal sittin elf euro hija ekwivalenti għal prova illi sar il-bejgħ u l-ħlas kif jallegaw huma. Dan ma huwiex il-każ.

16. Din il-qorti għalhekk taqbel mal-ewwel qorti illi, mhux biss fuq konsiderazzonijiet ta' oneru ta' prova iżda wkoll fid-dawl ta' apprezzament taċ-ċirkostanzi oġġettivi, ma jistax jingħad illi l-konvenuti għamlu l-prova la

li seħħ ftehim ta' bejgħ u lanqas li sar il-ħlas minnhom lill-atturi. L-ewwel aggravju huwa għalhekk miċħud.

17. It-tieni aggravju jgħid hekk:

> »Fis-sentenza stess insibu … … … dan li gej:
>
> > »"Jirriżulta li, mad-dħul ta' Malta fl-Unjoni Ewropea, bl-applikazzjoni tar-Regolament 1234/2007, kull raħħal ingħata kwota li kienet tirrifletti dik illi huwa kellu preċedentement, b'dan illi, a differenza ta' dak li kien jiġri qabel, tali kwota ma kinetx assikurata u kellha tintuża mir-raħħal, bir-riżultat illi, jekk raħħal ma jużax il-kwota lilu assenjata, huwa kien jitlef tali kwota. F'Malta, l-effetti ta' tali Regolament kienu ser jibdew japplikaw mill-1 ta' Lulju 2011."
>
> »Ir-Regolament li huwa liġi vinkolanti skont l-oriġinal tiegħu, ma jgħidx hekk biss. Illum hemm il-ħtieġa li l-assenjazzjoni ssir biss skont kemm għandek baqar, mhux fittizji jew immaġinarji li jaħilbu, imma li fattwalment jaħilbu.
>
> »Jekk jonqos dan l-element ma tistax tiġi esegwita s-sentenza.
>
> »Mhux hekk biss. Illum hemm ukoll ir-regolamenti li jrid ikollok razzett tal-i*standards* ta-Unjoni Ewropeja. Il-baqar iridu jkunu *housed* skont ir-regoli stabbiliti minn Brussels.
>
> »Jekk ma hemmx dawn l-elementi ma jista' jsir l-ebda transfer ta' xi nuda proprjetà, ħalli ngħidulha hekk, ta' dritt tal-ħalib.
>
> »L-esponenti għalhekk aktar isostnu li xtraw u mhux aktar krew. Huma għandhom il-baqar u huma għandhom ir-razzett, għalkemm illum kollox ġestit minn binhom Jason.
>
> »Fil-fatt, kollox dar fuq isimhom, kemm ma l-Għammieri u kemm *ma'l-MDP*. Dak li hemm miktub u reġistrat. U dak li ma kienx se jdur fuq isimhom xtrah ħaddiehor … … …
>
> »Id-Dipartiment tal-Agrikoltura ma jistax jikser ir-Regolament 1234/ 2007. Lanqas l-*MDP*. U din l-onorabbli qorti għandha tapplika dan ir-Regolament.«

18. L-attur wieġeb hekk:

> »Fir-rigward tat-tieni aggravju qed jingħad bażikament li dak li ordnat il-qorti ma jistax isir li l-ordni mogħti mill-ewwel qorti fis-sentenza tagħha huwa illegali għax imur kontra xi regolamenti li daħlu fis-seħħ bid-dħul ta' Malta fl-Unjoni Ewropea u ma jistax jiġi esegwit.
>
> »Fir-rigward ta' dan l-aggravju l-esponent jiddikjara s-segwenti:-
>
> »(i) l-appellanti ma ġabu assolutamant ebda provi in sostenn ta' dak li qed itennu fir-rikors tal-appell;
>
> »(ii) dan l-aggravju qed jitqajjem l-ewwel darba issa fi stadju ta' appell u ma ġiex dedott bħala eċċezzjoni fir-risposta ġuramentata u lanqas ma sar tal-inqas xi aċċenn għalih fin-nota ta' sottomissjonijiet finali!

> »Kjarament is-sentenza li tingħata hija ċirkoskritta bil-parametri ta' dak li jkun ġie premess u mitlub fir-risposta ġuramentata u dak li jkun ġie eċċepit fir-risposta ġuramentata. Dawk huma l-parametri u ċertament li mhuwiex legalment permissibbli illi eċċezzjoni ossija linja difensjonali ġdida titfaqqas fl-istadju ta' appell! Dan apparti l-fatt li dak li qed jiġi mtenni fl-aggravju mhuwlex korrett, però l-appellat lanqas għandu għalfejn jidhol f'tali mertu għaliex żgur li m'għandux għalfejn jindirizza eċċezzjoni illi l-ewwel darba li qed tiġi sollevata huwa proprju fl-istadju tal-appell.«

19. Li tagħmel referenza ġenerika għal Regolament bla ma tgħid fuq liema disposizzjoni tiegħu qiegħed tistriħ ma huwiex il-mod kif timpunja negozju ġuridiku. Ovvju li l-appellanti xeħtu dan ir-Regolament bla ma investew il-ħin biex jaraw tassew xi jgħid bit-tama li l-qorti tagħmlilhom ix-xogħol li kellhom jagħmlu huma u forsi ssib xi ħaġa li tgħinhom. Dan ma huwiex il-mod kif għandhom isiru l-atti ġudizzjarji. Sakemm ma jkunx hemm konsiderazzjonijiet ta' ordni pubbliku, aggravju motivat b'mod hekk fjakk jistħoqqlu li jitwarrab mingħajr aktar ħela ta' ħin.

20. Il-qorti għalhekk ma tqisx dan l-aggravju.

21. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, b'dan illi t-terminu mogħti f'dik is-sentenza jibda jgħaddi millum.

22. L-ispejjeż, kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell, iħallsuhom il-konvenuti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da